# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487  Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt  Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tlieta (3) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2013, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsilliera qablu unaniment mar-rikwest tas-Sindku li nagħmlu kamera minflok sensors fejn il-gate tal-librerija [ref punt nru. 3.1].

3.2 Is-Sindku qal li l-linji s-sofor ta' triq id-Dolmen qegħdin isiru matul il-ġimgħa tal-laqgħa [ref. punt nru. 3.2].

3.3 Il-kunsillier Carlo Stivala kkonferma li ċ-Championship taċ-ċikliżmu se ssir fl-1 ta' Mejju [ref punt nru. 3.3].

3.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm 26 tfal fil-kors tad-Drama u b'hekk kellna nagħmlu klassi waħda. Qal ukoll illi l-għalliema se tieħu zieda ta' €5/klassi u barra d-drama se jagħmlu z-zfin ukoll [ref. punt nru. 3.9]

3.5 Is-Sindku qal illi l-elletriċist għandu jiġi jara x'hemm bzonn biex l-iswitches tas-Sala isiru two-way [ref punt nru. 3.10]

3.6 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandu jerġa jkellem lil plejer Bulgaru [ref punt nru. 3.11] izda dan kien aċċetta li jiġi jagħmel session bla ħlas ġon-nursery ta Ħal Safi. It-tfal tal-iskola se jkunu mistednin għal dan is-session [anka jekk ma jiġux fin-Nursery tagħna] kif ukoll il-ġenituri tagħhom. Qal ukoll illi t-turnament tal-10 ta' Frar ġie mħassar fl-aħħar minuta minħabba l-maltemp.

3.7 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi nġabret is-somma ta' €361 waqt l-attivita taz-Zumba fil-Pjazza, nhar il-Ħadd 3 ta' Frar. Qal ukoll illi 'Breast for Cancer' bagħtu emajl biex jirringrazzjaw lil dawk kollha li pparteċipaw [ref punt nru. 3.12].

3.8 Is-Sindku qal illi għandna nixtru illuminated vest jekk il-ħaddiema tal-ETC jaħdmu għalina għal sitt xhur oħra għax inkella se nixtruhom għal xejn [ref. punt nru. 3.13]

3.9 Is-Sindku qal illi jekk l-iskola jixtiequ jħawlu s-siġar fl-iskola jew fil-Ġnien ta' Ball, dawn għandhom isiru ġo pots u mhux fil-ħamrija [ref punt nru. 4.2].

3.10 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nneħħu l-lok tal-bibien tas-sala li jagħtu għal kmamar ta' wara l-istage u minflok nużaw iċ-ċwievet [ref punt nru. 7.1]. Is-Sindku qal illi jekk nagħmlu l-iswitches two-way [ref punt 3.5 ta' din is-seduta] se nevitaw l-inkwiet fuq il-lok tal-bieb li tagħti għal kamra fejn nixegħlu u nitfu d-dawl.

3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi nhar it-Tnejn 18 ta' Frar ġejjin jagħmlu l-valenu għal ġrieden [ref punt nru. 7.2]

3.12 Is-Sindku qal illi l-Kor Kreattiv marru għaż-żjara tagħhom Għawdex u ħadu pjaċir. Qal ukoll illi s-sur Tony Pace [li jieħu ħsiebhoom] iringrazzja l-Kunsill għal-ħlas tat-Trasport [ref punt nru. 7.3].

3.13 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi rċieva lment ieħor fuq triq San Ġwann [ref punt nru 7.4] u l-persuna għamel talba biex nagħmluha one-way fejn Safi Pharmacy. Qal illi hemmhekk karrozza waħda tgħaddi avolja t-triq qegħda two-way. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fil-passat kienet one-way izda kelna nneħuha. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li min ikun ġej minn triq San Ġorġ jgħaddi minn triq l-Irqajja biex nevitaw il-perikli. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna bzonn nagħmlu pjan sew, imma hu konfident illi qatt ma kien hemm inċidenti fuq il-post. Zied illi hemm il-periklu malli wieħed joħroġ minn l-Ibraġġ għax hemm blind corner hemmhekk. Il-kunsillier Carlo Stivala ssuġġerixxa illi karrozzi joħorġu minn triq l-Irqajja u jidħlu minn triq l-Ibraġġ. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qabel mal-proposta tal-kunsillier Publius Abdilla, illi nagħmlu traffic management plan tar-raħal u nimxu minn hemm. Qal illi għandna bzonn nieħdu l-parir tal-MSD. Il-Kunsill se jieħu l-parir ta' Transport Malta u se jistudja l-alternattivi għal soluzzjoni fil-futur.

3.14 Il-Viċi Sindku Johan Mula u l-kunsillier Carlo Stivala rrispondew illi kienu qegħdin jirreferu għall-iSTOP signs illi qegħdin għal xejn fejn ir-roundabout ta' triq San Ġwann c/w triq San Pawl, wara li s-Sindku talab għal liema vleġġeġ/sinjali kienu qegħdin jirreferu għalihom f'punt nru. 7.5. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttl qal illi hemm tabelli li daru bir-riħ, waqt illi l-kunsillier Carlo Stivala qal illi tabella daret b'daqqa ta'truck. Dawn se jiġu rranġati.

**4. Korrespondenza**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara talba mis-sur Godwin Ellul biex il-Kunsill jixtri kopji tal-ktieb tiegħu għal librerija tagħna. Il-Kunsill qabel illi għandu jibgħat koppja lil Kunsill qabel ma jieħdu deċiżjoni finali.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill se jibbenifika €3000 mill-iskema tal-isports matul 2013.

4.3 Il-Kunsill irċieva talba mill-MCVS illi jixtiequ jagħmlu laqgħat fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi għandna niltaqaw magħhom, u niddiskutu x'jixtiequ, qabel ma jittieħed deċiżjoni finali.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti**

5.1 Il-kunsilliera qablu mal-PAS u ffirmaw il-PAS tal-laqgħa preċedenti. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ħaseb illi l-kont ta' Neriku kien għoli, speċjalment wara li sema ħafna lmenti fuq l-ikel minn dawk illi attendew għall-ikla tal-anzjani.

**6. Triq il-Kenn: Bankini**

6.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm bankini li qegħdin f'stat agħar minn ta' triq il-Kenn u kulħadd qabel miegħu. Qal illi hemm bzonn illi jsir xogħol fuq dawk ta' triq Ta' Ġawħar l-ewwel. Il-kunsilliera l-oħra kollha qablu li dawk ta' triq il-Kenna mhumiex daqshekk disgrazzjati u avolja mhumiex perfetti jgħaddu kif inhuma.

6.2 Il-kunsilliera qablu li l-bankini ta' triq Ta' Ġawħar għandhom jieħdu prijorita qabel triq ta' Kenn minħaba l-istat tagħhom. Is-Sindku qal illi l-bankina ta' quddiem il-Mużew tas-subien ukoll għandhom bzonn attenzjoni urġenti.

6.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-bankini ta' triq il-Ħlantun ukoll għandhom bzonn ta' manutenzjoni. Is-Sindku qal illi se jmur jarahom fil-ġranet illi ġejjin.

**7. Ħinijiet tal-librerija.**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minn wara l-aħħar laqgħa l-librara u l-iskola ma qablux fuq il-ġranet u ħin illi kellha tiftaħ għat-tfal. Peress illi kellha tibqa fil-Kunsill meta ma kienx hemm ħaddiema oħra, fil-ħin illi l-iskola xtaqu li tiftaħ, kif ukoll minħabba l-fatt illi ġiet biex tiftaħ għalihom fil-ġurnata off tagħha u huma anqas ġew, il-Kunsill qabel mal-proposta tagħha li tiftaħ f'ħinijiet illi huma komdi għaliha, waqt illi tibqa tagħti s-servizz għat-tfal tal-iskola [fejn l-iskola se jkollhom iżommu mal-ġurnata u ħin illi tgħid hi].

Il-ġranet/ħinijiet il-ġodda se jkunu:

It-Tnejn: 5-7pm

It-Tlieta: 10am-12pm [miftuħ għall-iskola u għal pubbliku]

Il-Ħamis: 3.30-5.30pm

Is-Sibt: 9am-12pm

**8. Ħwejjeġ oħra**

8.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab informazzjoni dwar l-ammonti ta' flus illi ħerġin mill-Kunsill. Staqsa wkoll x'hemm ta' flus biex nkunu nistgħu nuzawhom għall-manutenzjoni madwar ir-raħal. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-ġranet illi ġejjin il-Kunsill se jiltaqa mal-accountant fejn hi se tispjega l-istimi finanzjarji u l-accounts tal-Kunsill.

8.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi rċieva lment fuq 'garbage bags' li tħallew fejn Ġnien ta' Ball. Is-Sindku qal illi dawk kienu tal-ħaxix u tħallew hemmhekk biex il-ħaddiema ma joqogħdux jiġbruhom kull darba meta s-Sibt setgħu jiġbruhom kollha u jeħodhom taz-zibel. Ġara li s-Sibt kien il-maltemp u ma nġabrux. Is-Sindku qal illi dawk kienu mimlijin ħaxix, u l-kuntrattur ma jistax jiġborhom l-ebda ġurnata oħra għax ikollu jħallas il-multi.

8.3 Il-l-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk se nerġgħu nagħmlu sleeping policeman f'triq tal-Ajzar. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qabel illi hemm bzonn nevitaw il-periklu hemmhekk. Is-Sindku qal illi dejjem neħħejna sleeping police illi kienu quddiem id-djar tar-residenti minħabba l-ħsejjes illi jagħmlu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil isuġġerixxa li nagħmlu STOP minflok il-mera li hemm. Il-Viċi Sindku qabel mal-ideja, waqt li s-Sindku qal illi ma nistgħux nagħmlu tabella kbira, għax van tolqotha. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi tabella zgħira fejn il-mera għandha tkun bizzejjed.

8.4 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk twaħħlet il-mera ta' triq San Pawl/ Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kienet hemm u s-Sindku kkonferma.

8.5 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi t-tabelli l-bojod qegħdin imorru madwar il-ġnien Dun Karm Vella. Il-Kunsill se jieħu ħsieb illi jinżebgħu.

8.6 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm bozoz illi mhumiex jixegħlu f'triq il-Ħajt Ruman. Dawn kienu diġa ġew rraportati.

8.7 Il-kunsillier Carlo Stivala għamel suġġeriment sabiex nagħmlu bandiera fuq l-arblu l-antik [ta' triq Rqajja]. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm bandiera man-naħa ta' Żurrieq [u hemm fejn ta' Kirkop] u għalhekk qabel illi għandna nagħmluha x'imkien hemm. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ssuġerixxa li nagħmlu l-arblu fis-central strip ta' fejn il-Mitħna.

8.8 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm maħżen ġdid fejn l-ieħor ta triq it-Twemmin u issa huma qegħdin jieħdu l-postijiet tal-parkeġġ kollha. Qal ukoll illi dawn qegħdin jagħmlu ħafna storbju fis-6am u n-nies qegħdin jilmentaw. Is-Sindku ppropona li nagħmlu reserved parking għar-residenti hemmhekk u qal illi għandna nitkellmu mal-pulizija li għandhom jgħidulna l-ħinijiet illi dawn jistgħu juzaw ċerti magni minħabba ħsejjes. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nagħmlu rapport lil pulizija. Is-Sindku qabel mas-suġġeriment u qal illi fl-istess ħin għandna nitolbu l-kumpaniji biex iħallsu għat-tabelli li għandna nagħmlu minħabba fihom. Il-Kunsill qabel illi l-area huwa residenzjali u mhux industrjali u għalhekk għandna nieħdu l-passi wara li nieħdu parir mill-pulizija.

8.9 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi għandna nagħmlu upgrade tal-Ħeritage Trail u li għandna nagħmlu ktieb mil-legend u b'mappa, kif ukoll ritratti u informazzjoni. Qal ukoll illi qegħdin naħdmu fuq Half Day Excursion [hawnhekk ħareġ il-programm] u qal illi dalwaqt se jibdew jiġu turisti biex jieħdu t-tour. Dawn għandhom iħallsu €18 li jinkludi l-paga tal-gwida u ikla. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-problema se tkun illi fis-sajf dawn in-nies mhux se joqogħdu barra bejn il-11.30am u it-3pm.

8.10 Il-Viċi Sindku qal illi rċieva talba minn Double Diamonds [kumpanija tax-xandir] biex jużaw is-Sala għal sitcom. Il-Kunsill qabel mar-rikwest wara li l-Viċi Sindku qal illi huma se jagħmlu l-banner tal-Kunsill waqt li jifilmjaw, u se jirringrazzjaw il-Kunsill fil-credits.

8.11 Il-Viċi Sindku qal illi jixtieq jagħmel kumitat tal-edukazzjoni u kultura biex insaħħu l-idejat tagħna f'dawn il-qosma. Qal illi fil-ġimgħat illi ġejjin se jagħti l-ismijiet ta' min hu nteressat illi jagħmel parti mill-kumitat.

8.12 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi rċieva suġġeriment biex nagħmlu 'baby mother club' fejn darba fil-ġimgħa ommijiet li għandhom tfal taħt 3 snin jiġu s-sala tal-Kunsill fejn ikun hemm toys għat-tfal. Qal

illi l-Kunsill ikollu jħallas għat-toys u l-mats biss. Il-Kunsill se jara jekk hemm domanda għal dan is-servizz.

8.13 Il-Viċi Sindku Johan Mula talab update fuq triq il-Kuċċard izda s-Sindku qal illi ma smajna xejn.

8.14 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kellu laqgħa l-iskola St.Thomas Moore ta' Santa Luċija fejn talbu l-Kunsill sabiex iħalluhom iħawlu siġar fil-lokalitajiet rispettitivi [il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni ħlief għall-fatt illi ma tantx hemm post fejn dan jista jsir] u biex Kunsilli jixtru kikkri ħalli t-tfal tal-iskola ikunu jistgħu jagħmlu disinji fuqhom biex ikunu għall-bejgħ mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fuq dan il-punt ħafna rapprezentanti tal-Kunsill qalu li se jkollna problema għax ma nistgħux nagħtu donazzjonijiet. Għandna nistennew sakemm nisimgħu proposti oħrajn mill-iskola li għandhom jaraw kif jistgħu jakkwistjaw dawn il-kikkri.

## 9. Laqgħa li jmiss

9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

9.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fis-27 ta' Frar 2013.

Sindku
Francis Callus

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard